# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

## IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 22

It-Tlieta 27 ta' Diċembru, 2016

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fid-9:00 ta' filgħodu.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa – Viċi Sindku
Franco Buhagiar – Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
James Grima – Ambaxxatur

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 22.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

22.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

22.1.2 Il-Kunsillier Buhagiar ippropona emenda tal-paragrafu 21.2.15 sabiex flok il-kelma "għadnu" tiġi "għandu". Il-Kunsill approva.

22.1.3 Il-Kunsillier Buhagiar ippropona emenda tal-paragrafu 21.2.18 sabiex flok "fil-post tal-loqqu" tiġi "il-post magħruf bħala tal-Loqqu". Il-Kunsill approva.

22.1.4 Il-Kunsillier Buhagiar ippropona emenda tal-paragrafu 21.2.13 sabiex flok "u s-Sindku informa li din l-ittra ser tiġi ippreżentata lis-Sur Fava, ir-rappreżentant tal-PL fuq il-Kunsilli Lokali, f'laqgħa li l-Kunsillier Franco Buhagiar ser jitlob miegħu fil-ġranet li ġejjien." tiġi "Is-Sindku ippreżenta ittra quddiem il-Kunsill li ser tintbagħat lil Viċi Prim Ministru". Il-Kunsill approva.

22.1.5 Wara kunsiderazzjoni, il-minuti kienu approvati nem. con. kif emendati.

## 22.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

22.2.1 Is-Sindku qal li din hi l-aħħar laqgħa tal-Kunsill għas-sena 2016. Kienet sena li fiha sar ħafna xogħol u tibdil, jirringrazzja lil Alla u lil sħabu li x-xogħol li sar kien tajjeb u għaqli.

22.2.2 Is-Sindku informa li illum ġie installat il-bieb tal-aluminium u *notice board* ġdida għall-uffiċini tal-Kunsill.

22.2.3 Is-Sindku informa li dwar il-bieba tal-*control room* tal-funtana għadu qed jiġri wara l-kuntrattur biex jiġi mill-aktar fis.

22.2.4 Is-Sindku fakkar sabiex jeħlu s-signs li kienu approvati fil-laqgħa preċidenti.

22.2.5 Is-Sindku stqarr li kien soddisfatt bl-Inawgurazzjoni tal-Proġett tar-Riġenerazzjoni tar-Raħal. Attendew bosta nies u kollox mar kif kien pjanat. Il-Kunsill qabel ma din l-istqarrija.

22.2.6 Is-Sindku saqsa x'se nagħmlu rigward il-pjanti artifiċjali tal-*Christmas Tree* għas-sena d-dieħla. Wara diskussjoni sar qbil li nġibu kwotazzjonijiet sabiex jinbidlu l-pjanti.

22.2.7 Is-Sindku informa li hu flimkien mal-Kunsillier Buhagiar kellhom laqgħa mas-Sur Fava rigward il-proġetti diskussi fil-laqgħa preċedenti. Wara din il-laqgħa, is-Sur Fava informa lis-Sur Buhagiar li bħalissa l-Viċi Prim Ministru jinsab okkupat pero kif ikollu ċans se jikkorisspondi miegħu.

22.2.8 Is-Sindku qal li fis-sessjoni edukattiva tal-*Gozo College* mal-istudenti li żaru r-raħal, marret tajjeb ħafna. Huwa rringrazzja lil Kunsilliera Karmela Grima tal-għajnuna tagħha.

22.2.9 Is-Sindku qal li kellem lil kuntrattur Joe Grima rigward il-bollards il-ġodda tal-Pjazza quddiem il-bieb tal-ġemb tal-Knisja u għandu jagħmel stima tax-xogħol.

22.2.10 Is-Sindku wera l-Playing Field equipment li se jitwaħħal lil Kunsilliera. Is-Sindku qal li se jitwaħħlu żewġ bandli, waħda għall-kbar u oħra għaż-żghar u *merry go round* li tkun aċċessibli għall-kulħadd. Il-Kunsill approva.

22.2.11 Is-Sindku qal li hu kellu laqgħa mal-Perit Shawn Micallef u l-artist John Grima rigward il-monument ta' San Lawrenz. Is-Sur Micallef u is-Sur Grima stqarru li damu ma saru avanzi fuq il-monument għaliex ma kienx hemm komunikazzjoni tajba bejniethom. Is-Sindku qal li ħa l-materja f'idejh u suppost għandu jkollna stima biex tiġi approvat mill-Kunsill biex jekk jista' jkun sal-aħħar ta' Jannar se jsir ix-xogħol meħtieġ.

22.2.12 Is-Sindku informa li l-*cameras* tal-Pjazza weħlu u issa jonqos *internet connection.* Is-Sindku issuġġerixxa li jintuża l-internet li hemm diġa eżiżenti tal-paroċċa. Kompla billi jgħid li hemm bżonn anke li nagħmlu kuntratt mal-Parroċċa u sub-meter. Il-Kunsill approva.

22.2.13 Is-Sindku informa li rċieva ilment li l-*bollards* tal-Pjazza mhumiex viżibli fil-għaxija b'konsegwenza li jista jiġri xi aċċident. Il-Kunsill qabel li jitwaħħlu reflectors mal-*bollards*.

22.2.14 Is-Sindku qal li xeba jirċievi ilmenti rigward Triq San Lawrenz peress li għadha ma saritx it-tieni kisja. Sar qbil li tintbaghat ittra oħra lil Ministru fejn ngħidu li jekk ma issirx fi żmien qasir, se jkollna nieħdu passi ulterjuri.

22.2.15 Is-Sindku irrefera għall-fatt li l-ħaddiema tal-*Community Work Scheme* m'humiex qed ikunu konsistenti fix-xogħol tagħhom. Hu spejga li hu u s-SE ma jistgħux joqgħodu jiġru wara l-ħaddiema sabiex jaraw sarx ix-xogħol jew marrux fil-ħin. Wara diskussjoni sar qbil li ssir skeda ta xogħoljiet ta' tindif madwar r-raħal li għandhom ikunu imħarsa mill-ħaddiema sabiex ikun hemm konsistenza.

22.2.16 Is-Sindku informa li għadu kif ġej minn konferenza fl-Italja fejn iltaqa mal-assoċċjazzjoni tal-Ġemellaġġ ta' Colle Umberto u saru diskussjonijiet dwar t-triq 'il quddiem ta' attivitajiet tal-ġemellaġġ. Fost l-oħrajn ġie diskuss li Colle Umberto ser jagħmlu Giardino Botanico ġewwa Ballme de Sillengy u qal li ser iħallu spazju għalina bil-possibilita' li intellgħtu xtieli indiġini sabiex jitħawwlu hemm. Is- Sindku qal ukoll li xtara xi materjal sabiex ikun jista juża waqt il-konferenza.
Sar qbil sabiex nibgħatu l- pjanti ta' dan il-ġnien u li s-Sindku jiġi rimbursat tal-ispejjeż li għamel fix-xiri tal- materjal.

22.2.17 Is-Sindku semma li meta jsiru permessi u xogħolijiet fil-Pjazza tkun idea tajba li tinżamm garanzija ta' mitt ewro u issir klawsola fejn tgħid li l-post għandu jindaf u

jitħalla kif kien qabel ma beda x-xogħol. Il-Kunsill approva.

22.2.18 Is-Sindku qal li tkun idea tajba li jsir kors għat-tfal fejn jingħata tagħlim bħall- manjeri tal-mejda, attitudni u rispett għall adulti u affarjiet simili. Il-Kunsill qabel ma dan il-kors.

22.2.19 Is-Sindku semma idea li kieku kull familja ikollha bin għaż-żibel b'ċippa li minnha tagħraf ta' liema familja jippossjedi. B'dan il-mod, kulħadd ikun responsabbli għaż-żibel tiegħu u mhux ikun hawn boroż imferrxin ma kullimkien. Il-bin ikun jinżamm ġewwa u x'ħin tasal il-ġurnata li jinġabar iż-żibel, jinħareġ b'kollox. Hu kompla jgħid li din l-idea ser iressaqha biex tiġi diskussa mar-Reġjun sabiex ikun hemm qbil minn naħa ta' kulħadd u tkun tista' tiġi proposta b'mod nazzjonali.

22.2.20 Is-SE infurmat li rċievet emejl li WEEE Malta fejn qed joffru Trolley sabiex ikun jista jintrema materjal tal-elettriku li jkun żgħir wisq li jintrema mas-servizz tal-Bulky Refuse. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

22.2.21 Is-SE infurmat li rċievet emejl mingħand il-GAGF li daqt se toħroġ applikazzjoni għall-fondi għat-toroq rurali. Wara diskussjoni s-Sindku ppropona li għandna naħdmu biex issir it-Triq tal-Qasam sar qbil li nagħmlu laqgħa mal-Kunsill tal- Għarb sabiex niddiskutu l-possibilita' li napplikaw għal din it-triq, peress li din it-triq hija bejn iż-żewġ lokalitajiet.

22.2.22 Is-Sindku informa li rċieva emejl bi stedina għall-konferenza fl-Italja għall-dawk kollha li għandhom konnessjoni ma San Lawrenz. Wara diskussjoni sar qbil li s-SE tfittex rigward il-prezzjiet tal-biljetti tal-ajru.

## 22.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

22.3.1 Il-Kunsillier Anthony Formosa ġibed l-attenzjoni li s-siġar ta' ħdejn il-*playingfield* li talab biex jinżabru għadhom ma inżabrux. Is-SE qalet li hi ordnat sabiex jinżabru pero il-ħaddiem baqa ma ġiex. Is-SE qalet li se tgħidlu għall-aħħar darba.

22.3.2 Il-Kunsillier Anthony Formosa saqsa jekk hemm ċans isir ġemellaġġ ma' Spanja. Saret diskussjoni li jista jkun hemm problema ta' komunikazzjoni peress li ma jitkellmux kollha bl-Ingliż jew bit- Taljan. Il-Kunsillier Buhagiar kompla billi saqsa x'kien l-iżvillupp rigward il-ġemellaġġ ta' Amaseno. Is-Sindku irrisponda billi qal li minn naħa tal-Kunsill sar kollox li kellu jsir, kemm f'applikazzjonijet tal-EU u kemm korrispondenza. Hu kompla u qal li inħela ħafna ħin u riżorsi għaliex interess ma kienx reċiproku.

22.3.3 Il-Kunsillier Buhagiar informa illi l-Ministeru tat-turiżmu se jieħu ħsieb sabiex ikun hemm internet connection għall-cameras li ser jitwaħħlu fid-Dwejra. Kompla jgħid illi cameras se jkun hemm tnejn, waħda turi l-inland sea u l-oħra turi t-tieqa tad-Dwejra.

22.3.4 Il-Kunsillier Buhagiar semma illi faċċata tal-monument ta' San Lawrenz hemm ħafna tabelli anke privati u b'konsegwenza li jagħtu dehra m'hiex sabiħa. Hu issuġerixxa sabiex nagħmlu pole wieħed u nagħmlu t-tabelli aħna puliti. Is-Sindku kompla billi qal

li tkun idea tajba nagħmlu l-istess ħaġa għat-tabelli kollha tar-raħal. Wara diskussjoni sar qbil li nibgħatu ittra lil min poġġa jew kellu jaqsam b'xi mod jew ieħor mat-tabelli eżiżtenti u ngħidulhom li se jinqala' li hemm u se jitwaħħlu b'mod iktar uniformi.

22.3.5 Il-Kunsillier Grima saqsiet x'se jsir rigward il-konnessjoni ta' Triq Wied il-Merill u Triq Nicholas Monsarrat. Is-Sindku weġieba li kien kellem lil Perit u ltaqa' miegħu fuq il-post. Is-Sindku qal li jeżistu wkoll permess li jagħtu għal fuq dan il-passaġġ allura hekk ifisser li t-triq hija meħtieġa. Sar qbil li għandha tintbgħat ittra lil Gvern sabiex kif titlob l-prassi l-Gvern jieħu ħsieb li jkun hemm l-espropjazzjoni tat-triq u tingħaqad din it-triq. Għandhom jintbgħatu wkoll kopji tal-permessi imsemmija qabel.

## 22.4 Sessjoni Edukattiva fid-Dwejra

22.4.1 Is-Sindku semma li kellu *field work* id-Dwejra bħala parti minn kors li qed jagħmel , u osserva kemm għandna lokalita' ta' nteress partikolari. Hu kompla jgħid li ġietu l-idea li ssir Sessjoni Edukattiva simli fid-Dwejra għar-residenti sabiex japprezzaw iktar ir-raħal tagħhom u jingħatalhom iktar informazzjoni dwar l-istess raħal. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u sar qbir li ngħidu lil Dr. Sandro Lanfranco biex imexxi din is-sessjoni.

## 22.5 Budget 2017

22.5.1 Is-SE infurmat li se jsir *draft* baġit mal-*accountant* tal-Kunsill fil-jiem li ġejjien. Wara li jitlesta dan id-draft se jiġi ippreżentat quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni. Is-SE sostniet li din is-sena, l-infieq irid isir bil-galbu għaliex il-*likwidita'* tal-Kunsill batuta. Is-SE sostniet li malli tidħol l-allokazzjoni, hemm bżonn li jkun hemm iktar tfaddil għall-infiq potenzjali li mhux dejjem jista' jkun previst.

22.5.2 Sadanittant, is-SE qalet li l-intenzjoni li jkun ippreżentat dan is-suġġett fuq l-aġenda huwa għall-fatt li jekk xi ħadd għandu xi rakkomandazzjoni partikolari, iressaqha kemm jista' jkun malajr.

## 22.6 Aġġornament fuq id-Dementia Friendly Village

22.6.1 Is-SE flimkien mal-Kunsillier Grima kellhom laqgħa ma' Alex Gobey li huwa *Dementia* Care coordinator. Fid-diskussjoni sar qbil li issir laqgħa oħra fejn din id-darba inlaqqgħu s-sidien tal-ħwienet u nies prominenti fil-kommunita' u titella sessjoni ta' informazzjoni fuq *awareness* lejn dawk li jbatu mid-Dimensja. Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa issir.

## 22.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

22.7.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 22.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

22.8.1 Il-laqgħa intemmet fl-12:00pm u ġiet aġġornata għall-2 ta' Frar 2017 fl-15:00.